MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 306/2010

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Avviz Nru 306/2010 FDP**
**Fl-ismijiet:**
**Dr Helena Dalli MP**

**vs**

**Dr Joseph Zammit LL.D.**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz pprezentat mir-rikorrenti fis-26 ta' Awissu 2010 fejn talbet lill-Qorti sabiex tiddikjara u tiddeciedi li l-allegazzjonijiet ippubblikati fis-sezzjoni tal-kummenti taht l-artikolu intitolat 'Priests and Politics' illi deher fis-sit elettroniku ta' www.timesofmalta.com nhar id-9 t'Awwissu 2010 u li tieghu l-intimat huwa l-awtur, senjatament il-kliem "*Helena, the person who has written this article for you has deceived you deeply. The Catholic Church teaches with all her infallibility that a valid marriage canot be dissolved because what God has joined together, let no man, no Helena put asunder! Whoever wrote this article for you ghamel qassata! The writer has deceived you*" kif ukoll "*What is important is that Helena has understood me!*" huma malafamanti u libelluzi fil-konfront ta' l-attrici u ghandhom bhala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni taghha. Ghalhekk r-rikorrenti talbet illi l-intimat jigi kkundannat ihallasha danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-intimat li laqa’ ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu billi eccepixxa li:-

1. L-allegazzjonjiet imsemmija mill-attrici fl-Avviz li saru bhala kummenti personali ta' l-eccipjent mhumiex malafamanti u lanqas libelluzi;

2. Konsegwentement, l-eccipjent m’ ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lill-attrici.

Rat ix-xhieda viva voce ta' **Dr Helena Dalli** moghtija fis-16 ta' Marzu 2011.

Rat illi fis-16 ta' Marzu 2011 r-rikorrenti ddikjarat li ma kellhiex aktar provi

Rat illi fis-seduta, l-intimat esebixxa zewgt ittri datati 16 ta' Marzu 2011 u 24 ta' Marzu 2011 indirizzati lir-rikorrenti u lill-konsulent legali taghha rispettivament illi fiha l-intimat spjega l-hsieb wara il-kliem li kiteb u skuza ruhu ta' dak li kien kiteb.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kaz odjern, ir-rikorrenti, fil-kapacita' taghha ta' 'Shadow Minister for the Public Service and Government Investment' kitbet artikolu fil-gazzetta The Times of Malta fid-9 t' Awwissu 2010, liema artikolu deher ukoll fis-sit elettroniku www.timesofmalta.com.

Illi fl-artikolu r-rikorrenti ikkumentat dwar l-involviment tal-Knisja u tal-Qassisin fil-kwistjoni illi kienet vigenti Malta dak iz-zmien u li kienet tirrigwarda l-introduzzjoni tad-Divorzju f'Malta, liema kummenti kienu fis-sens illi l-Knisja ma kellhiex tinvolvi ruhha fid-dikussjonijiet politici vigenti dak iz-zmien.

Illi, l-artikolu sussegwentement wassal sabiex diversi persuni fuq is-sit elettroniku jghaddu il-kummenti taghhom dwar dak illi kitbet r-rikorrenti, fosthom ukoll l-intimat, fejn allega illi r-rikorrenti ma kienetx kitbet l-artikolu hi u min kitbilha l-artikolu kien qarraq biha.

Illi jirrizulta li r-rikorrenti wara illi rat tali kummenti, ghazlet illi ma tirrabbitihomx fuq l-istess sit elettroniku, kemm in vista tal-fatt illi rat tali kummenti biss gimgha wara illi saru, kif ukoll peress illi, kif stqarret hija stess, ma hijiex il-prassi taghha li tikkummenta lura ghal dak li jinkiteb.

Illi r-rikorrenti hassitha malafamata bil-fatt illi l-intimat allega illi hi ma kitbietx l-artikolu hi stess u ghalhekk intavolat il-proceduri odjerni

**Ikkunsidrat**

Illi fix-xhieda taghha, r-rikorrenti stqarret illi hija hassitha malafamata peress illi kienet hija li kitbet l-artikolu u hi taqla' l-ghijxien taghha permezz tal-kitba, peress lli tghallem fid-Dipartiment tas-Socjologija u ta’ l-Ekonomija fejn hija tinsisti ma’ l-istudenti illi hadd ma ghandu jaghmel bhala tieghu kitbiet ta' ohrajn. Kien ghalhekk illi hija hasset li l-kumment ta’ l-intimat kien jimmina l-kredibilita' taghha

mhux biss man-nies in generali, izda partikolarment ma’ l-istudenti illi hija tghallem.

Illi l-intimat, ghalkemm ghazel li ma jixhidx fil-proceduri odjerni, esebixxa ittra illi huwa baghat lir-rikorrent wara li kienet xehdet quddiem dina l-Qorti, fl-liema ittra qal is-segwenti:-

"Unfortunately, the comment in our case could have been expressed in different words. By "the person who has written the article for you" I meant the sources from where you took your ideas because I had already read and heard what you wrote on divorce. As a matter of fact I did not mention the name of any person as the writer of your article. I depicted the sources in the form of a 'person'. That's why I have asked you this morning why you had not put your views on my comment. If you had done that, I would have explained myself better. So now I'm sorry for all the harm and inconvenience I caused you."

**Ikkunsidrat**

Illi bl-introduzzjoni tal-Kap. 319, il-Konvenzjoni Ewropea Dwar il-Libertajiet Fondamentali u Drittijiet tal-Bniedem gew inkorporati fll-ligijiet Maltin u ghalhekk il-Qrati taghna mhux biss iridu jiehdu in konsiderazzjoni dak illi hemm f’dawk l-artikoli tal-Konvenzjoni izda wkoll il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani (**Angelo Fenech pro et noe. vs Carmelo Callus et. App. Civili 04.02.1994**).

Illi l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea kompliet twessa l-kritika ammissibbli kif ukoll il-liberta` ta’ espressjoni biex ikun aktar konformi mal-kurrenti demokratici ewropej. Fil-kaz “**Lingens vs Austria (1986)**” li huwa meqjus bhala l-“bench mark” ghal decizjonijiet li fihom jinvolvu kummenti rigward persuni pubblici jew politici jintqal, fost affarijiet, illi “the limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevidably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every

word and deed by both journalist and public at large .........”

Tali principju gie re-konfermat mill-istess Qrati fil-kaz **Oberschlick vs Austria** deciz fl-1991.

Il-Qrati taghna ghamlu tali insenjament bhala taghhom u ghafsu fuq

“il-bilanc illi kellu jkun hemm bejn l-interess ta’ l-individwu li jipprotegi r-reputazzjoni professjonali u l-integrita` tal-karattru tieghu u l-interess pubbliku illi jkun infurmat fuq materji li legittimament kienu jolqtu d-divulgazzjoni ta’ informazzjoni dwar materji gravi li jikkoncernaw l-opinjoni pubblika”
**(Perit Duminku Mintoff vs Joe Brincat et. Qorti Kostituzzjonali 08.01.2001)**

Intqal ukoll illi

“ Madanakollu, b’dana l-izvilupp essenzjali, l-istampa ma nghatat ebda passaport ta’ immunita`, billi tibqa’ dejjem il-htiega li jinzamm sens ta’ proporzjon bejn il-liberta` ta’ espressjoni u c-censura tal-malafama. Dejjem jinhtieg li jinzamm bilanc bejn il-bzonn li f’socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghal-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemma’ l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor,xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur u l-isem tajjeb, li kull persuna f’socjeta` demokratika ghandha kull dritt li tgawdi” **(Vincent Borg vs Victor Camilleri deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-15 ta’ Novembru 1994).**

Hu ghalhekk stabbilit illum li persuna pubblika jew fil-politika ghanda tissaporti kritika ferm aktar gholja minn persuna privata izda irid jinzamm il-bilanc.

Dwar tali bilanc, il-Qrati taghna sahqu li:-

“kullhadd ghandu d-dritt li jipprotegi r-reputazzjoni u fama tajba tieghu; li wiehed jattakka r-reputazzjoni u jnaqqas l-

istima li persuna tgawdi fis-socjeta` hija haga kerha u ta' min jistmerrha. Ir-reputazzjoni tajba hija aqwa minn kull gid materjali u l-integrita` fizika taghna timmira wkoll li tharsilna l-integrita` morali taghna kif ukoll l-isem tajjeb taghna. Dan kollu huwa ragonevolment mehtieg f'socjeta` demokratika u ghalhekk, il-limitazzjoni li l-imsemmi artikolu tal-ligi jaghmel ghall-liberta` ta' l-espressjoni bhala dritt fondamentali, ghandha l-iskop li tipprotegi r-reputazzjoni u l-fama ta' haddiehor".
**(Qorti Kostituzzjonali - Lawrence Grech vs l-Onor. Prim'Ministru et -15 ta' Mejju 1995)**

Imbghad, dwar l-effetti ta' dak li inkiteb u l-'animus ingurjandi' tal-kittieb, issir referenza ghall-ktieb **Gatley on Libel and Slander**, fejn naqraw:-

"The question is not what the defendant intended, but what reasonable men, knowing the circumstances in which the words were published, would understand to be the meaning. 'Liability for libel does not depend on the intention of the defamer, but on the fact of the defamation'. 'The question is not what the writer of an alleged libel means, but what is the meaningof the words he has used'. 'It is not the defendant's intention, or the meaning in his own mind, that makes the sense of the libel' but 'what was the meaning and inference that would naturally be drawn by reasonable and intelligent persons reading it'."

Illi ghalhekk, biex wiehed jasal ghal decizjoni jekk dak li jkun inkiteb huwiex libelluz, wiehed ghandu jikkunsidra kif jifhmu "a reasonable fair minded man", igifieri cittadin ordinarju, ta' intelligenza normali. Bhalma intqal fil-kawza fl-ismijiet **Onor. Dr. G. Cassar vs Dr. Joseph Muscat** deciza mill-Qorti ta' l- Appell fit-22 ta' Lulju 1984:-

"wiehed mill-aktar principji fondamentali in materja ta' ingurja bl-istampa hija illi dak li jkun intenda l-awtur tal-kitba inkriminata hu normalment fattur estraneju, u dan ghaliex dak li hu importanti hu dak li jkun gie miktub u kif dan jinftiehem minn persuna ta' intelligenza ordinarja".

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kaz in ezami, jirrizulta li r-rikorrenti, fil-kapacita' taghha ta' politiku, kienet kitbet artikolu illi fih ikkritikat l-involviment tal-Knisja fl-area politika illi kienet tirrigwarda l-kwistjoni dwar l-introduzzjoni tad-Divorzju f'Malta.

Illi jirrizulta li, fiz-zmien illi inkiteb l-artikolu, d-dibattitu dwar l-introduzzjoni tad-Divorzju f'Malta kienet wahda kontroversjali u imqanqla hafna u fiha l-veduti kontra opposti kienu frekwentement jikkontrastjaw lil xulxin.

Illi jirrizulta li l-artikolu tar-rikorrent kien jirrifletti tali kontroversja peress illi qajjmet certi kwistjonijiet politiko religjuzi li kienu renjanti f'Malta fis-snin sittin, u ghamlet referenza ghal dawk il-kwistjonijiet sabiex tqabbel l-involviment tal-Knisja fid-dibattitu dwar l-introduzzjoni tad-divorzju f'Malta mal-involviment tal-Knisja fil-kwistjoni politika li kienet renjanti fis-snin sittin.

Illi ghalhekk, tali artikolu, ghalkemm certament "an intelligent and well-researched article", kif kiteb wiehed mill-persuni li kkummenta fil-gazzetta stess wara li kkummenta l-intimat, kien ser jattira l-kummenti dwar dak minnha interpost.

Illi, minn naha l-ohra, jirrizulta ben car mill-kummenti illi saru fl-istess gazzetta wara il-komment ta' l-intimat, li hadd ma kien qieghed jikkontendi il-fatt illi r-rikorrenti ma kienetx l-awtrici ta' l-artikolu taghha.

Illi ghalhekk, tenut kont tal-fatt illi l-artikolu per se kien wiehed li wassal ghal dibattitu, liema dibattitu huwa wiehed mis-sisien tad-demokrazija taghna, kif ukoll tal-fatt illi l-artikolu inkiteb mir-rikorrenti fil-kapacita taghha ta' politiku, u ghalhekk hija soggetta ghal kritika u kummenti f'livell ferm oghla minn dik ta' persuna normali, u konsiderando il-fatt li, mill-kummenti li saru sussegwentement ghal dak li kiteb l-intimat, ma jidhirx illi kien hemm dubju dwar il-fatt illi r-rikorrenti kienet l-awtrici ta' l-artikolu, il-Qorti thoss illi l-kontenut tal-kumment ta' l-

intimat, ghalkemm mhux daqstant felici, ma jistghux jitqiesu bhala malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti.

**Konkluzjoni**

**Il-Qorti**

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u semghet ix-xhieda.

Wara illi rat l-artikolu in kwistjoni u l-kummenti kollha sussegwenti li saru fuq is-sit elettroniku www.timesofmalta.com;

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi;

Tilqa' l-eccezzjonijiet ta’ l-intimat u tichad it-talba attrici.

Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------